Kulleġġ Santa Margerita
Skola Primarja Żabbar B, 16, Triq l-Iskola, Żabbar, ŻBR1371

**T** 21826682 **F** 21896343 **E** smc.zabbar.prb@ilearn.edu.mt

10 ta' April 2018

Għeżież Ġenituri/Kustodji

Bdejna l-aħħar term – term li jwassalna għall-vaganzi tas-Sajf. Xtaqt ngħaddilkom xi informazzjoni dwar l-attivitajiet li ser ikollna fil-ġimgħat li ġejjin.

**Dati Importanti**

| | |
|---|---|
| 30 ta' April 2018 | Laqgħa għall-għalliema dwar l-iżvilupp tal-iskola. **It-tfal m'għandhomx skola.** |
| 1 ta' Mejju 2018 | Festa Nazzjonali. **It-tfal m'għandhomx skola.** |
| 3 ta' Mejju 2018 | *Fire Drill* |
| 8 ta' Mejju 2018 | Naqraw ma' Uliedna - Laqgħa għall-ġenituri tal-istudenti tal-*Year* 3.1 u *Year* 3.5 fid-disgħa neqsin kwart (08:45). |
| 10 ta' Mejju 2018 | Naqraw ma' Uliedna - Laqgħa għall-ġenituri tal-istudenti tal-*Year* 3.4 u *Year* 3.6 fid-disgħa neqsin kwart (08:45). |
| 11 ta' Mejju 2018 | Naqraw ma' Uliedna - Laqgħa għall-ġenituri tal-istudenti tal-*Year* 3.2 u *Year* 3.3 fid-disgħa neqsin kwart (08:45). |
| 14 – 18 ta' Mejju 2018 | Healthfest |
| 25 ta' Mejju 2018 | Laqgħa għall-għalliema dwar l-iżvilupp tal-iskola. **L-iskola tispiċċa fil-ħdax (11.00).** |
| 28 ta' Mejju – 1 ta' Ġunju 2018 | Eżamijiet ta' Tmiem il-Primarja (Benchmark - Year 6) |
| 1 ta' Ġunju 2018 | Jibdew in-nofstanhari. L-iskola tispiċċa f'nofsinhar (12:00). |
| 7 ta' Ġunju 2018 | Festa Nazzjonali. **It-tfal m'għandhomx skola.** |
| 20 ta' Ġunju 2018 | *Farewell Concert – Year 6* |
| 22 ta' Ġunju 2018 | Quddiesa ta' Ringrazzjament għat-tfal u l-ġenituri tal-Year 6. |
| 25 – 28 ta' Ġunju 2018 | Eżamijiet tal-Aħħar tas-Sena. |
| 28 ta' Ġunju 2018 | L-aħħar ġurnata tal-iskola. |

**Huwa importanti li tieħdu nota ta' dawn id-dati u taraw li tagħmlu l-arranġamenti meħtieġa speċjalment meta l-iskola tispiċċa qabel il-ħin tas-soltu.**

***Photocopies*** **-** Bħas-soltu qed niġbru €5 biex inkopru l-ispejjeż tal-*photocopies* għal dan it-term. Jekk jogħġobkom ibagħtu l-flus lill-għalliema tal-klassi.

**Ritratti -** Ir-ritratti tal-kunċert tat-tfal tar-raba' sena jinxtraw direttament mingħand Fotoline Studio ta' Triq is-Santwarju.

**Eżamijiet tal-Aħħar tas-Sena –** Dalwaqt ser inqassmu t-*timetable* tal-eżamijiet tal-aħħar tas-sena. L-għalliema ser jagħtu linji gwida biex it-tfal iħejju ruħhom sew. Huwa importanti li t-tfal isegwu l-pariri tal-għalliema u jibdew jippreparaw minn issa għal dawn l-eżamijiet. It-tfal ser ikollhom iċ-ċans jaħdmu l-karti tal-eżamijiet tas-sena l-oħra bħala preparazzjoni għal dawn l-eżamijiet. Għalhekk, fir-raba', il-ħames u s-sitt sena, ser niġbru €2 oħra għall-kopji ta' dawn il-karti **aktar tard.**

**Facebook Page -** Infakkarkom li l-iskola tagħna issa għandha Facebook Page –

www.facebook.com/zabbarprimaryb.

Tajjeb li ssegwuna u għaliex le, anke tagħmlulna xi *like*!

Nirringrazzjakom tal-koperazzjoni tagħkom.

Inselli għalikom

Charlot Cassar
Kap tal-Iskola